MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 1508/2000/1

**John Bugeja**

**vs**

**Il-Provincjal Reverendu Alfred Calleja OFM Conv. bhala Amministratur tal-Beni tal-Provincja tal-Frangiskani Minuri Konventwali u b'digriet tas-6 ta' Lulju 2009 l-Avukat Generali gie ammess jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Lulju 2000 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi skont il-kuntratt datat 15 ta’ Frar 1962 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Victor Bisazza, mmarkat bhala Dok “A” giet assenjata ‘l bqija tal-koncessjoni emfitewtika temporanja tal-fond bin-numru 15, Tigne’ Street, Sliema lil missier l-attur.

Illi b’kuntratt datat 10 ta’ Ottubru 1973 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Maurice Gambin, immarkat bhala Dok “B”, dan Frankie Bugeja iddona ‘l bqija tal-koncessjoni emfitewtika lil ibnu li jigi l-attur.

Illi din l-emfitewsi temporanja taghlaq u tiskadi fit-21 ta’ Lulju 2000.

Illi skont id-disposizzjonijiet tal-**Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta’ Malta**, jissusistu dawk ir-rekwiziti kollha necessarji sabiex din il-koncessjoni emfitewtika tigi konvertita skont il-ligi ghal wahda perpetwa.

Illi ghalkemm l-konvenut gie debitament interpellat sabiex jidher ghall-kuntratt dan baqa’ inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-koncessjoni temporanja ghandha tigi konvertita ghal wahda perpetwa skont il-ligi.

2. Tappunta u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirredigi l-kuntratt tal-koncessjoni perpetwa tal-fond bin-numru 15, Triq Tigne’, Sliema.

3. Tordna lill-konvenut illi jidher u jiffirma l-kuntratt tal-koncessjoni perpetwa.

4. Tordna illi, f’kaz tal-kontumacja tal-konvenut, jinhatru kuraturi u deputati sabiex jidhru minflok il-konvenut fuq l-imsemmi kuntratt.

Il-konvenut minn issa mgunti in subizzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol 4 sa 14 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-3 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Provincjal Rev. Alfred Calleja, OFM bhala Amministratur tal-Beni tal-Provincial tal-Frangiskani Minuri Konventwali datata 8 ta' Novembru 2000 a fol 19 tal-process fejn gie jesponi:-

1. Illi l-ligi citata mill-attur mhix applikabbili ghall kaz.

2. Illi dawk id-disposizzjonijiet ta' dik il-ligi jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tal-konvenut kif protetti fl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem**.

3. Illi fit-tieni lok l-irritwalita` tac-citazzjoni ghax ma hemmx spjegat kif il-proprjeta` tikkwalifika biex tigi l-koncessjoni enfitewtika konvertita wahda perpetwa.

4. Fit-tielet lok illi ma jirsistux dawk ir-rekwiziti necessarji biex tali koncessjoni enfitewtika tigi hekk konvertita.

5. Illi *inoltre* it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mit-3 ta' Novembru 2000 sal-5 ta' Frar 2003 mizmuma quddiem din il-Qorti kif

diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi fejn fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2007 meta ssejhet il-kawza deher Profs Ian Refalo ghall-konvenuti li talab in-nomina ta’ Perit Tekniku biex jistma l-fond in kwsjtoni fi zmien meta ghalaq ic-cens, *ossia* fil-21 ta’ Lulju 2000. Il-Qorti nnominat lill-Perit Mario Cassar ghal dan l-iskop bi spejjez tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghar-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar ipprezentat fis-27 ta’ Lulju 2007 u mahluf fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2007, l-istess rapport jinsab esebiti a fol 56 *et sequitur.*

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-gheluq tal-attur John Bugeja datata 7 ta’ Jannar 2009 a fol 87 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta’ Jannar 2009 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Edward Zammit Lewis ghall-attur prezenti. *In vista* tal-verbal precedenti, il-kawza giet differita ghall-4 ta’ Marzu 2009 ghas-sentenza. Aktar tard deher Profs Ian Refalo ghall-konvenut u pprezenta nota responsiva b’kopja ghall-kontro-parti.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut Rev. Alfred Calleja pprezentata *seduta stante* tat-28 ta’ Jannar 2009 a fol 96 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Edward Zammit Lewis ghall-attur. Il-kawza giet deciza.

Rat id-decizjoni moghtija fl-4 ta’ Marzu 2009 mill-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi (fol 119).

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Marzu 2010 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Edward Zammit Lewis ghall-attur u Dr. Jacqueline Borg ghall-konvenut *noe*. Peress li kien jonqos in-notifika tal-intervenut fil-kawza l-Avukat Generali, il-kawza giet differtia ghal dan l-iskop ghat-18 ta’ Mejju 2010. Tali notazzjoni tal-intervenut fil-kawza ghandha tigi ndikata fl-okkju (Digriet tal-Qorti Kostituzzjonali tas-6 ta’ Lulju 2009); u tas-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Profs Ian Refalo ghall-konvenuti. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehru l-Profs Refalo u Dr. Edward Zammit Lewis ghall-attur. Id-difensuri prezenti rrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur interpella lill-konvenut sabiex jersaq ghall-konversjoni tal-koncessjoni enfitewtika temporanja ghall-enfitewsi perpetwa a tenur tad-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 12 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi b’sentenza datata 4 ta’ Marzu 2009 fl-ismijiet premessi din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Azzopardi tat decizjoni li biha wara li kkunsidrat li eccezzjoni ta’ nullita’ kif proposta mill-konvenut tista’ titqajjem, ikkunsidrat il-kawza fil-mertu u ghaddiet biex cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u

konsegwentement laqghet it-talbiet attrici u dan kollox kif indikat fl-istess sentenza li tinsab f'dan il-process.

Illi sar appell mill-istess sentenza fejn inghad li l-ewwel Qorti ma ddecidietx b'kap separat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn eccepew in-nullita' tac-citazzjoni u dan meta dan kellu jsir *ad validatem* skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 730 tal-Kap. 12,** u dan jikkostitwixxi nullita' tas-sentenza skont kif tenut fis-sentenza **"Louis Pace vs Alfred Theuma** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Lulju 2003).

Illi t-tieni aggravju kien fis-sens dik l-eccezzjoni kellha tintlaqa' ghaliex l-attur ma identifikax kif il-kwistjoni taqa' taht l-**Kap. 158** peress li hemm diversi modalitajiet kif dan jista' jsir taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 12 tal-istess Kap158,** u la darba dan ma sarx dan imur kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 156 tal-Kap. 12.**

Illi dwar it-tieni eccezzjoni jinghad li taqbel mas-sentenza tal-ewwel Qorti li tali eccezzjoni tista' tinghata, izda ressqet it-tielet aggravju fis-sens li ma taqbilx ma' l-istess decizjoni fejn din iddikjarat li l-**artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jiksrux id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem kif protetti taht l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem,** u wkoll sostniet li l-posizzjoni li ghandha tigi segwita hija dik moghtija fis-sentenza **"Paola Vassallo vs Marija Dalli"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2008) fejn inghad li la darba l-istess disposizzjonijiet gew iddikjarati li huma nulli u bla effett b'sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat, u dan ghaliex jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni,** mela allura minhabba dak li jipprovdi l-**artikolu 6 tal-istess Kostituzzjoni,** tali disposizzjonijiet legali huma nulli u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u din in-nullita' tal-istess artikolu tapplika *erga omnes.* L-istess gie ritenut fis-sentenza **"Maria Azzopardi vs Saver Sciortino"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2007) u skont l-appellant is-sentenza **"Nazzareno Galea et vs Giuseppa Briffa et"** (Q.K. – 30 ta' Novembru 2001) fejn inghad li *"Dikjarazzjoni ta' nullita'……jekk tirrizulta, tiddefinixxi l-mertu "erga omnes" b'effett li jestendi ghal kull min ikun*

*suggett ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Att that ezami"* (pagna 14 tas-sentenza).

Illi l-istess appellanti mbaghad ghadda biex skont huwa japplika dawk li huwa jghid li huma l-fattispecie tal-kaz odjern (pagna 8 tal-appell) fid-dawl ta' dak li gie deciz fis-sentenza **"Josephine Bugeja vs Avukat Generali"** (P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2008), u kkonkluda l-fattispecie tal-kaz iwasslu sabiex jinkisru d-drittijiet fundamentali tieghu skont l-artikoli minnu ndikati, u dan anke in vista ta' decizjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u anke l-Qorti Kostituzzjonali u allura ssir riferenza ghal dak li inghad fl-istess rikors tal-appell.

Illi l-ahhar aggravju kien fis-sens li s-sentenza hija wkoll monka ghaliex il-Qorti naqset li tirrikjama fil-kawza lill-Avukat Generali la darba dahlet sabiex tinvestiga t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u dan ghall-integrita' tal-gudizzju.

Illi b'risposta tal-appell l-attur appellat irribatta ghall-ewwel aggravju billi sostna huwa car li l-artikolu in kwistjoni huwa l-**artikolu 12 tal-Kap. 158** tant li l-istess konvenut indirizza l-istess u ghalhekk ghamel id-difiza tieghu; dwar it-tieni aggravju sostniet li la darba s-sentenza hija essenzjalment gusta mela allura ghandha tigi applikata d-disposizzjoni tal-**artikolu 790 tal-Kap. 12;** u dwar il-mertu inghad li bl-ewwel sentenza il-Qorti dahlet fl-aggravju sew u iddecidietu, u dan anke ghaliex kontra dak allegat mill-appellanti ma kien hemm ebda kontradizzjoni fis-sentenza moghtija, lanqas fejn inghad li hemm il-htiega li jkun hemm mekkanizmu car biex sentenza finali li tiddikjara li Ligi tmur kontra d-dettami tal-Kostituzzjoni tigi mmedjatament applikata biex tkun tifforma stat ghal kullhadd, u minn naha l-ohra l-fatt li l-ewwel Qorti segwiet il-konkluzjoni raggunta bis-sentenza **"Bugeja vs l-Avukat Generali et"** (P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2003). Inghad li b'dan il-mod l-ewwel Qorti ma marritx kontra dak provdut fil-kawza **"Paola Vassallo vs Marija Dalli"** u dan peress li dak li inghad mill-ewwel Qorti kien li hemm huwa biss il-Parlament li jista' jhassar Ligi; konsegwentement l-appellat ghadda biex argumenta kif l-istess diposizzjonijiet tal-**artikolu 12 tal-Kap. 158** u l-fattispecie tal-kaz *de quo*

skont huwa ma jiksrux id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem skont kif salvagwardati bl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem.**

Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sostniet bis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 2009 li l-ewwel aggravju kien fondat ghaliex skont hija l-ewwel Qorti naqset milli tindirizza, titratta u tiddeciedi l-eccezzjoni tal-irritwalita' ta' l-att tac-citazzjoni bil-mod opportun u kif previst mil-ligi, u dan ghar-ragunijiet indikati fl-istess sentenza (para. 21 sa 25); dwar l-**artikolu 790 tal-Kap. 12** inghad li fid-dawl ta' dak li gie deciz fis-sentenza **"Josephine Bugeja et vs Avukat General et"** (Q.K. – 7 ta' Dicembru 2009) fejn gie sostnut li **l-artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kap. 158** jikkostutwixxi "kontroll ta' uzu tal-proprjeta" u b'hekk jirrizulta li din id-decizjoni segwiet dak li nghad a propositu mill-Qorti ta' Strasboug fis-sentenzi fl-ismijiet **"Case of Amato Gauci vs. Malta"** (Applik. 47045/06) deciza fil-15 ta' Settembru 2009 (li qalbet sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' Mejju 2006), ma jistax jinghad li allura l-istess sentenza *"hija gusta fis-sostanza taghha",* u ghalhekk fid-dawl ta' dak hemm deciz inkluz fis-sentenza **"Louis Pace vs Alfred Theuma"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Lulju 2003) l-inosservanza tal-precett enuncjat fl-**artikolu 730 tal-Kap.12** igib in-nullita' tas-sentenza u ghalhekk iddikjarat l-istess sentenza nulla, u ghalhekk l-atti regghu gew rimessi lil din il-Qorti sabiex *"tinvesti l-eccezzjoni ta' l-irritwalita' ta' l-att tac-citazzjoni u sabiex il-kawza titkompla tigi definita skont il-ligi".*

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari hija l-irritwalita' tac-citazzjoni ghax ma hemmx spjegat kif il-proprjeta' tikkwalifika biex tigi koncessjoni enfitewtika konvertita f'wahda perpetwa.

Illi l-**artikolu 156 tal-Kap 12** kien jipprovdi li c-citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggetti u r-raguni tat-talba u it-talba jew talbiet u tali disposizzjoni tal-ligi rceviet fil-gurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma giex adottat ir-rigur li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi.

Hekk fis-sentenza "**Av Dr Carlo Moore noe vs Perit C Falzon et**" (P.A. (A.M.) – 15 ta' Dicembru 1995) gie deciz li:-

"*u ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjediex kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda"* (vide kol.XXXIV.I.501;XXXIX – I-143; U XXXII-I-228).

Illi l-istess inghad fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit noe**" tal-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-**artikolu 156 (1)** giet spjegata b'dan il-mod:-

"*Illi l-Artikolu 156 (1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art 155 (1) (illum 156 (1) tal-Kap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata*".

Illi fil-kaz **"Guido J Vella A&CE vs Dr Emanuel Cefai LL.D."**(A. C. 4 ta' Novembru 1991 – Vol. LXXV.II.467), il-Qorti sostniet li meta f'citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravenzjoni ta' l-**artikolu 156 (1) (a),** ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita` tac-citazzjoni tista' tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat. Il-Qorti kompliet illi f'dawn il-kazijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti

gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi: in-nullita` ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.

Illi in fatti l-prassi odjerna mill-Qorti nostrana, anke a bazi tal-emendi maghmula **bl-Att XXIV tan-1995,** inkluz dawk kontenuti fl-**artikolu 175 tal-Kap 12,** hija li:-

"*l-formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh"* (**"Charles Fino vs Alfred Fabri noe"** – Appell 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement "*l-atti ghandhom jigu salvati anziche` annullati jew dikjarati nulli*" (**"Dr Joseph Ellul vs Jos. G Coleiro"** – Appell 24 ta' Jannar 1964).

Illi dawn il-principji gew ukoll applikati minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi "**Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et**" (Cit Nru 831/97/RCP – 28 ta' Ottubru 1998) u **f'"Perit Vincent Cassar noe et vs Nicholas sive Lino Debono et"** – (Cit Nru 1217/98/RCP – 22 ta' Marzu 2000), u dan hekk ghandu jkun jekk verament irridu li kull cittadin ikollu access lejn il-Qorti biex jiehu l-gustizzja reali li jixraqlu.

Illi in vista ta' dan kollu u tenut kont tal-fattispecie tal-kaz kollu jirrizulta li c-citazzjoni attrici qed titlob li ssir il-konversjoni tac-cens temporanju ghal dak perpetwu wara li jiskadi t-terminu ta' enfitewsi temporanju fil-21 ta' Lulju 2000, u dan skont id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 158,** minghajr ma l-attur isemmi l-artikolu applikabbli ghall-kaz in ezami. Din il-Qorti thoss li tali eccezzjoni ma tistax tigi milqugha u dan peress li jirrizulta li l-azzjoni hija ppremjata fuq l-**artikolu 12 tal-istess Kap. 158,** u dan il-konvenut fehmu sew tant li kien kapaci jiddefendi ruhu adegwatament mill-istess talbiet attrici kemm bl-eccezzjonijiet minnu sollevati (nkluz l-eccezzjoni li tali disposizzjonijiet ta' dik il-ligi jivvjolaw id-drittijiet

fundamentali tal-konvenut) u kif ukoll mill-atti l-ohra kollha li huwa sussegwentementipprezenta f'din il-kawza, b'dan li n-nuqqas li jigi ndikat l-artikolu tal-ligi u kull nuqqas allegat iehor ma jistax jinghad li b'xi mod ippregudika lill-konvenut u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens li dawk id-disposizzjonijiet ta' dik il-ligi jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tal-konvenut kif protetti fl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem**.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi ghall-fatt li d-disposizzjonijiet tal-Ligi li fuqha hija mpostata l-azzjoni attrici u cjoe' l-**artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kap. 158** gew ddikjarati bhala nulli u bla effett peress li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan bis-sentenza fuq riferita fl-ismijiet **"Mario Galea Testaferata et vs il-Prim Ministru et"** li marret dezerta fil-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2006) u konsegwentement ghal dak li inghad fis-sentenza **"Paola Vassallo vs Marija Dalli"** (P. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008) din il-Qorti thoss li konsistentement ma' dak li jinghad fl-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni,** meta l-Qorti ssib li xi ligi tikser il-Kostituzzjoni jew xi dritt fundamentali mhares minnha jew mill-Konvenzjoni, ma jidhirx li jkun sewwa li dik il-ligi tibqa' tithaddem jew jinghataw bis-sahha taghha rimedji li xi parti f'kawza, bla ma l-Qorti nnifisha tkun qieghda, bit-thaddim ta' dik l-istess ligi, tikser ukoll il-Konvenzjoni jew Kostituzzjoni. *"Huwa minnu li l-ebda sentenza ma thassar ligi – l-ghemil u t-thassir ta' ligi hija funzjoni esklussiva tal-Parlament – izda meta b'sentenza xi ligi titqies li hija nulla u bla effett, hadd m'ghandu jistenna li xi Qorti tapplika ligi bhal dik fi kwistjoni li titqajjem quddiemha, sempliciment ghaliex il-Parlament ma jkunx (ghadu) hassarha wara sentenza bhal dik".*

Illi din il-Qorti thoss li la darba tali disposizzjonijiet tal-ligi li ghalihom qed issir riferenza mill-atturi (anke skont in-nota ta' osservazzjonijiet taghhom datata 7 ta' Jannar 2009, u r-risposta tal-appell datata 20 ta' Mejju 2009) gew dikjarati

nulli u bla effett u dan ghaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u tali sentenza ghaddiet in gudikat, in vista tal-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** din il-Qorti ma tistax tapplika l-istess u dan peress li tipprevali l-istess Kostituzzjoni, u fejn l-istess ligi hija nkonsistenti ma' dan, dik il-ligi skont l-istess artikolu ghandha tigi kkonsidrata bhala nulla u bla effett u dan indipendentement mill-fatt jekk l-organu legistlattiv jiehux il-passi sabiex inehhi l-istess ligi jew jevita tali ksur. Dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 242 tal-Kap. 12** fuq citat li gie applikat ukoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali meta l-kawza citata marret dezerta fis-16 ta' Ottubru 2006, u allura d-decizjoni ghaddiet in gudikat. Fil-verita' dan kollu juri li l-Kostituzzjoni u l-artikoli dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma l-ghola ligi fil-pajjiz u artikoli citati huma konferma tal-istess. Din il-Qorti bir-rispett thoss li hija doveruz ghaliha li tapplika l-istess disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, u dan kemm sabiex tigi segwita l-istess Kostituzzjoni u wkoll ghaliex thoss ma jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn ligi tigi dikjarata nulla ghaliex tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem u allura ma tkunx applikabbli bejn xi persuna, u minn naha l-ohra jkun hemm decizjoni fejn tapplika l-istess ligi ghall-persuni ohra – u dan iktar u iktar fejn il-ligi ghandha tkun l-istess u applikabbli ghal kullhadd u dan in omagg ukoll ghal *Rule of Law.* Dan iktar u iktar meta ligi tigi dikjarata mill-Qorti fil-kompetenza taghha kostituzzjonali bhala nulla u bla effett u allura l-istess ligi ma tistax, minhabba d-disposizzjonijiet stess tal-istess Kostituzzjonali, ma tibqax izjed applikabbli u dan *erga omnes.* L-argument l-iehor johloq ligi ghal xi persuni u ligi ohra ghall-persuni ohra – haga li mill-punto di vista legali u iktar f'ambitu ta' protezzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem lanqas ghandha tigi kkunsidrata ghaliex tohloq incertezza u ingustizzja manifesta. Kien fuq dan il-binarju li nghatat is-sentenza wkoll fuq dan il-punt fl-ismijiet **"Maria Azzopardi vs Saver Sciortino"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2007) u huwa wkoll konistenti ma' dak li inghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Nazzareno Galea et vs Giuseppe Briffa et"** (Q.K. – 30 ta' Novembru 2001) fejn inghad li *"dikjarazzjoni ta' nullita'…..jekk tirrizulta, tiddefinixxi l-mertu "erga omnes" b'effett li jestendi ghal*

*kull min ikun suggett ghall-applikazjoni tad-disposizzjonijiet tal-Att in ezami".* Dan huwa wkoll konsistenti ma' dak li nghad fis-sentenza **"P.L. George Scicluna vs l-Avukat Generali et"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Ottubru 2010). Ghalhekk dan huwa bizzejjed sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni tal-konvenut.

Illi bla pregudizzju ghal dak hawn deciz u biss ghall-grazzja tal-argument, hawn, hawn sitwazzjoni fejn l-attur ghandu fond 15, Tigne' Street, Sliema li kien inghata b'cens temporanju ta' 150 sena b'effett mit-22 ta' Lulju 1850 li skadew fil-21 ta' Lulju 2000, li kienet suggetta ghall-hlas ta' cens annwali fl-ammont ta' tnax il-centezmu u hames millezmi (12c5m) mill-flus antiki, li jekk jigi konvertit ghall- cens perpetwu skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu citat iwassal ghall-hlas ta' cens perpetwu ta' €1.75 fis-sena, meta jekk wiehed jikkonsidra l-valur tal-proprjeta' meta skada l-istess cens temporanja fis-sena 2000 dan kien jammonta ghall €1,071,511.76 (ekwivalenti ghal Lm460,000) u dan skont relazzjoni tal-Perit Mario Cassar datata 27 ta' Lulju 2007 (fol. 55).

Illi jinghad li f'dan il-kaz jekk jigu applikati l-principji stabbiliti fil-kaz ta' **"Mario Galea Testaferrata et vs il-Prim Ministru et"** (P.A. (RCP) – 3 ta' Ottubru 2000) u dawk tas-sentenza fl-ismijiet **"P.L. George Scicluna vs l-Avukat Generali et"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Ottubru 2010) li qed issir riferenza diretta ghalihom minn din il-Qorti, necessarjament din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-istess artikoli jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif salvagwardati fl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.** Skont l-ahhar sentenza citata tal-artikoli tal-**Kap. 158** jirrizulta li tali disposizzjonijiet jiksru wkoll l-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali,** u ghalhekk din il-Qorti tabbraccja l-istess insenjamenti u tapplikahom f'din is-sentenza u anke ghalhekk f'dan il-kuntest it-talbiet attrici qed jigu michuda, u qed tigi milqugha din l-eccezzjoni tal-konvenut.

Illi dejjem bla pregudizzju ghal dak fuq deciz jinghad ukoll li tenut kont tal-fattispecie tal-kaz u l-valuri hemm indikati

relattivi ghall-istess proprjeta' l-azzjoni attrici lanqas tista' tirnexxi jekk din tigi ezaminata fid-dawl ta' dak li inghad fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Josephine Bugeja et vs Avukat Generali et"** (Q.K. – 7 ta' Dicembru 2009) fejn l-istess Qorti sostniet li dak ritenut fis-sentenza **"Amato Gauci vs Malta"** (EctHR – 15 ta' Settembru 2009) *"japplika mutatis mutandis ghall-Artikolu 12 (4), (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ghall kaz in ezami. Kif gia' inghad iktar 'l fuq, l-effett legali u prattiku tal-Artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta hu li l-padrun dirett ma jistax jiehu pussess fiziku tal-proprjeta' tieghu in kwantu tigi soggetta ghat-titolu ta' enfitewsi perpetwa favur ic-censwalist, bil-possibilita' tal-fidi tac-cens a tenur tal-Artikolu 1501 tal-Kodici Civili li jwassal ghat-temma ta' dawk id-drittijiet tal-padrun dirett konsegwenzjali ghac-cens. Il-korrispettiv li jiehu l-padrun dirett ghal dan il-kontroll ta' uzu tal-proprjeta' tieghu huwa cens li jkun daqs sitt darbiet ic-cens li kien jithallas minnufih qabel il-konversjoni, liema cens jizdied kull hmistax-il sena b'daqstant mic-cens kurrenti, li jkun ammont li ma jkunx izjed minn dak ic-cens, li jirraprezenta bi proporzjon mieghu z-zieda fl-inflazzjoni minn meta l-imsemmi cens ikun gie stabilit l-ahhar".*

Illi wara, l-istess Qorti applikat il-provedimenti tal-ligi ghall-kaz konkret, u gew konsidrati dak li hija sejhet bhala *"rizultati prattici li l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu tal-ligi tohloq fil-kaz in ezami"* u sabet li fil-kaz hemm taht ezami ma kienx hemm bl-applikazzjoni tal-**artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kap. 158** l-principju ta' proporzjonalita' bejn l-interess tal-Istat u l-protezzjoni ta' dritt ta' proprjeta' tal-individwu u ghalhekk insistiet li *"tali provedimenti tal-ligi, <u>f'dan il-kaz u f'dawn ic-cirkostanzi,</u> kjarament jammontaw ghal vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-appellanti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta' taghha kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea".* L-istess din il-Qorti ssostni huwa l-kaz prezenti u allura anke hawn ic-citazzjoni attrici ma tistax tirnexxi. Din il-Qorti, dejjem bir-rispett dovut thoss ukoll li dan japplika ghal kull kaz li jaqa' taht l-istess disposizzjonijiet tal-ligi hawn taht ezami u dan ghas-semplici raguni li l-formula uzata mill-istess

artikoli tal-Ligi qatt ma tista` twassal sabiex tali principju ta' proporzjonalita' jigi b'xi mod rispettat.

Illi dan apparti li bir-rispett kollu din il-Qorti hija tal-fehma li jekk *"l-applikazzjoni tal-ligi"* tigi ddikjarata li f'xi kazi waslet ghall-ksur ta' dritt fundamentali tal-bniedem, ghandha twassal ghall-konkluzjoni li l-applikazzjoni taghha *ut sic* u allura l-ligi stess qed tikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u allura hija l-istess ligi li ghandha, in konformita' ma` dak li jipprovdi l-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 319** tigi ddikjarata anti-kostituzzjonali ghaliex tikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan peress li tali artikolu jipprovdi li:-

*"Fejn ikun hemm xi ligi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ghandhom jipprevalu, u dik il-ligi ordinarja ghandha, sa fejn tkun inkosistenti, tkun bla effett".*

Illi dan apparti li tali provediment isahhah u jikkonferma dak li inghad fis-sentenza **"Paola Vassallo vs Marija Dalli"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008) fuq citata, u s-sentenzi ohra fuq citati li mxew u segwew l-istess linja, anke fuq il-binarju ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.** Jista' jinghad li dan huwa msahhah ukoll b'dak li jipprovdi l-**artikolu 6A tal-Kap. 319.**

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut dwar l-irritwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni attrici ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, izda fil-waqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li tali disposizzjonijiet ta' dik il-ligi jivvjolaw id-drittijiet fundamentali tal-konvenut kif protetti fl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol**

**tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------